**FKNK**

Konferenza Stampa
Minn Quddiem Kastilja
21 ta' Novembru 2011 fil-11:30

# IL-GVERN IRID JEQRED L-INSIB GĦAL KOLLOX

*Joseph Perici Calascione - President*

---

1. Introduzzjoni

1.1 Nhar is-17 ta' Awissu ta' din is-sena il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ħarget stqarrija għall-istampa ntitolata, "Il-Gvern irid jeqred l-insib għal kollox". Illum, wara dak kollu li seħħ fl-aħħar tlett xhur, l-FKNK hija ferm aktar konvinta minn dan.

1.2 L-FKNK mill-ewwel issuspettat ħazin meta il-Gvern ma fetaħx l-istaġun tal-insib fil-ħarifa flimkien ma' dak tal-kaċċa kif dejjem għamel u kif ġie rrakkomandat lilu mill-Kumitat Ornis f'Ġunju li għadda. Illum, il-Gvern bl-aġir tiegħu qed jikkonferma li s-suspetti tal-Federazzjoni kienu dejjem fondati.

1.3 Il-Federazzjoni tallaċċja dawn iċ-ċirkostanzi kollha mall-kampanja tal-Birdlife Malta li ilha tfittex sabiex teqred totalment it-tradizzjoni soċjo-kulturali tal-insib mill-gżejjer Maltin. Il-kampanja tal-Birdlife Malta tnehdiet sentejn ilu meta l-istess Gvern kien approva għotja ta' €375,000 minn flus il-poplu għal din il-kampanja. Riċentement, il-Gvern reġgħa approva madwar €800,000 oħra għall-BirdLife Malta.

2. Ċirkostanzi

2.1 Sabiex jiġu evitati konkluzjonijiet żbaljati, din il-Konferenza hija speċifikament indirizzata lejn l-insib ta' erba' speċi ta' għasafar kaċċabbli u ċioe' l-gamiema, s-summiena, l-malvizz u l-pluviera. Dan ifisser li kaċċatur jista' legalment jikkaċċja, u

allura, joqtol dawn l-għasafar, pero', stante il-*policies* prezenti tal-Gvern Malti, nassab ma jistgħax jaqbadhom sabiex izommhom ħajjin.

2.2 Din is-sena, lejliet li kellu jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa u l-insib, il-Gvern abbażi ta' l-ebda raġuni jew loġika, nieda *policy* fejn qal li l-insib tal-gamiem u s-summien ma jistgħax jibqa' jkun permess, lanqas fil-ħarifa. Fl-istess *policy* tenna, li biex ikun permess l-insib tal-pluvieri u l-imlievez jeħtieġ li jsiru aktar studji xjentifiċi.

2.3 Tajjeb li ssir referenza ghall-*infringement procedures* li l-Kummissjoni Ewropea, bdiet fil-konfront ta' Malta f'Ġunju li għadda. Dawn il-proċeduri legali, permezz ta' *Letter of Formal Notice*, ġew istitwiti unikament għax, għal seba' snin sħaħ u ċioe bejn l-2004 u l-2010, sena wara l-oħra, l-Gvern applika din id-deroga b'mod skorrett. Nixtieq ukoll nindika li l-istess Gvern, fil-każ tad-deroga għall-kaċċa fir-rebbiegħa, wkoll kien applika deroga b'mod skorett għall-erba' snin 2004 sall-2007.

3. Fatti

3.1 F'dawn iċ-ċirkostanzi, wieħed jista' forsi jassumi li hija l-Unjoni Ewropeja u mhux il-Gvern Malti li qiegħda twaqqaf l-insib. Madanakollu:

- minn laqgħat li kellna mall-Kummissarju tal-Ambjent tal-Unjoni Ewropea, Janez Potočnik u
- minn laqgħat li kellna ma' l-għola uffiċjali mis-sezzjoni legali tal-Kabinett tiegħu, kif ukoll
- minn korrispondenza li kellna mat-tnejn rispettivament, il-fatti juru mod iehor!

3.2 Tant hu hekk, li fil-*Letter of Formal Notice* ta' Ġunju ta' din is-sena, il-Kummissjoni fost affarijiet oħra espliċtament indikat li kellha tibda l-proċeduri legali minħabba li l-Gvern Malti għal sena sħiħa ma kienx irrisponda ittra tal-Kummissjoni fl-2010 minkejja li din kienet tagħtu terminu ta' xagħrejn żmien biex jirrispondi.

3.3 Inoltre, f'il-5 ta' Ottubru ta' din is-sena, Il-Federazzjoni rċeviet korrispondenza mingħand il-Kummissjoni fejn jirriżulta li l-Gvern Malti kien saħansitra mwissi li kien qiegħed japplika din id-deroga b'mod skorett sa mill-2009. Fl-istess ittra l-

Kummissjoni qalet "it should also be noted that infringement procedures are normally used by the Commission as a final available means, that is, when other tools, including compliance promotion activities, have been exhausted but have failed to deliver satisfactory results."

3.4 Fl-istess waqt, il-Kummissjoni kienet qiegħda tinforma lill-Gvern Malti li kellu ċ-ċans sabiex, anki bl-għajnuna tal-istess Kummissjoni, jirranġa l-affarijiet.

Tant hu hekk, li l-Kummissjoni ndikat dan b'dawn il-kliem, "whilst the Commission reserves the right to continue the infringement proceedings against the Maltese Government in this particular case, our services will, of course, remain available, if so requested, to engage in further technical discussions with the authorities with a view to ensure that any potential future trapping derogation in Malta fully respects the strict requirements of the EU's Birds Directive".

3.5 L-istess Kummissjoni f'ittra li bagħatitilna fl-24 ta' Ottubru, reġgħet tenniet li l-Gvern Malti għandu kull opportunita' effettiva biex isolvi din il-problema li ħoloq hu stess sempliċement billi japplika deroga b'mod KORRETT.

3.6 Għaldaqstant, bilfors li wieħed irid jasal għall-konklużjoni li ċ-ċirkostanzi preżenti huma attribwibbli unikament għall-Gvern Malti u mhux għall-Unjoni Ewropea.

4. Azzjoni tal-FKNK

4.1 Matul il-kors ta' dan kollu, l-FKNK ħadet azzjoni bil-għan li l-Gvern Malti jkollu l-għodda kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex japplika deroga b'mod korrett. Bħalma għamlet kemm fil-każ tal-kaċċa tar-rebbiegħa kif ukoll fil-każ tal-insib tal-għasafar tal-għana, l-Federazzjoni ppreżentat lill-Gvern Malti dokumenti, rapporti u studji xjentifiċi li jista' juża għall-applikazzjoni ta' deroga sabiex jippermetti l-insib ta' dawn l-għasafar kaċċabbli, u għalhekk mhux protetti, permezz ta' deroga applikata b'mod korrett.

4.2 Iktar minn hekk:

- fit-30 ta' Awissu ta' din is-sena il-Federazzjoni bagħtet ittra lill-Onorevoli Prim Ministru li baqgħet mingħajr ebda tweġiba;

- il-FACE MED bagħtet żewġ ittri ulterjuri lill-Onorevoli Prim Ministru sabiex jiġi elaborat kif pajjiżi oħra fil-baċir tal-Mediterran japplikaw derogi b'mod korett sabiex jippermettu l-istess prattika tal-insib fuq l-istess speċi mhux protetti;
- il-Federazzjoni wkoll reġgħet aċċettat li, bl-għajnuna u l-involviment dirett ta' membri tagħha tipparteċipa fit-tielet studju xjentifiku tal-Gvern Malti, fl-istess waqt li l-BirdLife Malta baqgħet tirrifjuta li tieħu sehem;
- irsistejna biex ġew ntavolati mistoqsijiet parlamentari kemm fil-Parlament Ewropew kif ukoll fil-Parlament lokali;
- u ressaqna Protest Ġudizzjarju fil-Qrati ta' Malta.

4.3 Dan kollu l-Federazzjoni għamlitu sabiex jiġu ċċarati kwalunkwe neċessitajiet ulterjuri bil-għan li deroga prospettiva tiġi applikata b'mod korrett.

5. Sitwazzjoni prezenti

5.1 Wara l-Protest Ġudizzjarju ppreżentat mill-Federazzjoni, fejn ġie ndikat li minkejja li l-liċenzji ta' l-insib kienu ġew imġedda iżda l-istaġun ma nfetaħx; fil-31 ta' Ottubru, l-Gvern Malti ħabbar li kien ser japplika deroga biex mill-għada stess ikun permess l-insib għall-malvizz biss.

5.2 Madankollu, malli ġie ppublikat l-Avviż Legali relatat, l-FKNK mill-ewwel innotat li għal darb'ohra ma kienetx qed tiġi applikata deroga b'mod korrett. Għalhekk fit-3 ta' Novembru, il-Federazzjoni reġgħet kitbet sabiex tindika din l-opinjoni lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi. Minkejja l-urgenza u l-importanza relatata, din il-korrispondenza wkoll baqgħet mingħajr risposta.

5.3 Konsegwentement, Il-Ħadd l-ieħor f'ġurnal lokali ġie rrapurtat li jista' jkun li l-Kummissjoni sejra tieħu aktar passi legali kontra Malta minħabba li nfetaħ dan l-istaġun għall-insib tal-imlievez. Għaldaqstant, il-Federazzjoni bilfors ikollha tistaqsi kif inhu possibbli li l-Gvern Malti għat-tnax il-darba konsekuttiva reġgħa applika deroga relatata ma' kaċċa u nsib b'mod skorett?

5.4 Nixtieq nenfasizza li s'issa l-istess Gvern Malti applika b'mod skorrett erba' derogi dwar il-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa, kif ukoll tmien derogi dwar l-insib għall-

speċi mhux protetti fil-ħarifa. Il-fatt li tant derogi suċċessivi ġew applikati b'mod skorett qed inisslulna dubji serji dwar l-intenzjoni aħħarija ta' tali skorrettezzi. Ninsabu wkoll ferm konxji li din ir-rikorrenza mhix sempliċi kumbinazzjoni.

## 6. Konkluzjoni

6.1 Meta wieħed jikkunsidra l-fatti hekk kif indikati, l-FKNK hija ġustifikata temmen li dawn il-manuvri qed joriġinaw mill-Gvern Malti u mhux mill-Unjoni Ewropeja. L-FKNK diġa kellha okkażjoni tistaqsi min hi/huma l-persuna/i risponsabbli fil-Gvern sabiex jipproċessa tali derogi, pero' bqajna mingħajr risposta; għaldaqstant, bilfors ikollna nitkellmu dwar il-Gvern piuttost minn xi persuna mpjegata. Ġustament ukoll, l-FKNK temmen li minkejja li reċentement fis-6 ta' Lulju ta' din is-sena stess il-Gvern kien stqarr li kien lest jiddefendi l-insib ta' dawn l-erba' speċi; l-fatti hekk kif qegħdin jiżvolġu, jindikaw eżatt bil-maqlub. Il-fatti huma li għal darb'oħra jidher li l-istess Gvern qed ikompli jikser kull wegħda u garanzija li qatt għamel lin-nassaba Maltin u Għawdxin.

6.2 Għal darb'oħra wkoll reggħet tnaqqret biċċa oħra mid-drittijiet tan-nassaba Maltin għall-insib leġittimu, nirrepetti, minkejja d-diversi wegħdiet u garanziji tal-Gvern Malti. Il-kaċċa u l-insib huma tradizzjonijiet soċjo-kulturali li ilhom fostna eluf ta' snin u għalhekk l-FKNK dejjem saħħqet fuq id-determinazzjoni ta' Gvern li jrid ikollu rieda politika soda sabiex, bħalma jirnexxilom pajjiżi oħra Ewropej ġirien tagħna jonsbu, hekk għandna nagħmlu aħna wkoll.

Il-Federazzjoni tinnota wkoll li fl-interess tal-kaċċaturi u nassaba Maltin u Għawdxin li hija tirrappreżenta, hi ripetutament issottomettiet rapporti u dokumenti lill-Gvern Malti sabiex derogi relatati mall-kaċċa u l-insib ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod korrett. Madanakollu, il-Federazzjoni b'dispjacir tinnota li jidher li l-istess Gvern ripetutament jgħoġbu jinjora dawn ir-rapporti, dokumenti u studji xjentifici fondati u fattwali bir-riżultat tar-riperkussjoniijiet preżenti. Riperkussjonijiet li qed joħolqu tensjoni lill-kaċċaturi u n-nassaba kull darba li jiġi biex jiftaħ xi staġun tal-kaċċa u l-insib, peress li kontinwament qegħdin jitħallew fuq ix-xwiek sa l-aħħar mumenti sabiex ikunu jafu jekk il-Gvern hux ser jiftaħ tali staġun jew le. Wara kollox huma l-istess kaċċaturi u n-nassaba, u ħadd iżjed, li jbagħtu l-konsegwenzi kollha ta' kull aġir tal-Gvern f'dar-rigward.

6.3 Għaldaqstant, jekk il-Gvern Malti ġenwinament irid li jibqa' jippermetti il-prattika tat-tradizzjonijiet soċjo-kulturali tal-kaċċa u l-insib fil-gżejjer Maltin, huwa għandu l-għodda kollha meħtieġa sabiex japplika tali derogi b'mod korett ukoll fil-parametri tad-Direttiva tal-"Għasafar".

6.4 Għalhekk ukoll, jekk jibqu jiġu applikati d-derogi b'mod skorett, b'konsegwenzi ta' kawżi mitlufa fil-Qorti tal-Ewropa, wisq nibżgħu li l-Gvern ikun jista' qed jorbot idejn kull min jista' jipprova japplika tali derogi, issa u fil-futur.

6.5 Konsegwentement, il-FKNK tappella lill-Gvern Malti biex jieħu konjizzjoni tat-tbatijiet li qed isofru l-membri tagħha u jieqaf jittrattahom bħala dispensabbli.

6.6 Minkejja li d-diversi tentattivi tal-FKNK s'issa gew injorati, il-Federazzjoni permezz ta' din il-Konferenza Stampa, qegħda għal darb'oħra tappella lill-Gvern Malti sabiex minnufih jiftaħ l-istaġun tal-insib tal-pluvieri flimkien ma' dak tal-imlivezz. Il-Gvern Malti għandu l-għodda kollha necessarja, kemm rigward rapporti, dokumenti kif ukoll studji xjentifiċi sabiex finalment wara d-diversi tentattivi skorretti, jibda japplika derogi b'mod korrett. Dan peress ukoll li kif jaf l-istess Gvern, deroga trid tiġi applikata fuq bażi ta' "best available data" u għandu biżżjied informazzjoni u studji li tajnih sabiex ikun jista' jibbaża tali applikazzjoni. Il-ġustifikazzjoni ta' tali deroga tiġi wara u jkun hemm biżejjed żmien sabiex isir rapport dettaljat li jkun aċċettabbli għall-Kummissjoni.

6.7 Sadanitant u bħala l-ewwel pass, l-Federazzjoni qegħda tissospendi l-parteċipazzjoni tal-membri tagħha mill-istudju xjentifiku kkumissjonat mill-Gvern li kellu jibda fil-jiem li ġejjin. Il-Federazzjoni tirriżerva d-dritt ta' aktar miżuri fil-jiem li ġejjin diment li għadna filwaqt li tiġi riżolta din il-ħrafa ta' l-insib tal-pluvieri, filwaqt ukoll li nistennew taħdidiet ma l-Uffiċju tal-Prim Ministru din il-ġimgħa stess.

6.9 Fl-aħħarnett, l-FKNK twiegħed lin-nassaba kollha li l-isforzi tagħha mhux ser jieqfu hawn. Il-Federazzjoni ser tibqa' tagħmel dak kollu possibbli u li jkun hemm bżonn sabiex in-namra soċjo-kulturali u tradizzjonali tal-insib kollu, bi dritt u kif xieraq, terġa tiġi stabbilita fuq bażi soda u legali fil-gżejjer Maltin.

Grazzi